MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 3/2009

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

1. **Raymond Spiteri**
2. **Michael Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-6 ta' Jannar, 2009** u li permezz taghha talbet lill-intimati sabiex ihallsu s-somma ta' elf mija erbgha u sittin euro u disgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€1,164.69] u dan wara li ppremettiet hekk:

"L-ammont mitlub ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin ċenteżmu (€1,164.69) jirrappreżenta l-*excess payment* dovut mill-intimati ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attriċi favur il-vettura

bin-numru ta’ reġistrazzjoni EAZ-230, di proprjetà tal-konvenut Raymond Spiteri, u illi nhar it-3 ta’ April 2007 kienet involuta f’incident awtomobilistiku ġewwa Triq il-Kampanella, Paola, filwaqt illi kienet misjuqa mill-konvenut Michael Spiteri, liema hlas baqa ma sarx minkejja illi l-konvenuti kienu nterpellati sabiex jeffettwaw tali pagament permezz ta’ l-ittra uffiċjali datata 23 ta’ April, 2008.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-Mandati Kawtelatorji illi qed jiġu ppreżentati kontestwalment ma’ dan l-Att, u interessi legali mid-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti in solidum, illi jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fis-6 ta’ Frar, 2009 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“Il-konvenuti Raymond Spiteri u Michael Spiteri qeghdin jikkontestaw it-talba attriċi peress:

1. Illi huma qatt ma inkarigaw lis-socjeta attriċi sabiex thallas lil terzi ghan-nom taghhom, u wisq inqas ghamlu xi talba sabiex kwalsiasi allegati danni naxxenti mill-incident de quo jithallsu direttament mis-socjeta attriċi lil terzi.

2. Illi l-konvenuti ma jahtux ghall-incident imsemmi fl-avviz promotur.

3. Illi t-talbiet tas-socjeta attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salvi risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attriċi, inkluzio dawk ta' risposta ghall-ittra uffiċjali, liema ittra uffiċjali kienet ġiet preżentata fit-23 ta' April 2008, bl-istess soċjetà attriċi li hija minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' elf mija erbgha u sittin euro u disgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€1,164.69] bhala *excess payment* dovut mill-intimati ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attriċi favur il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAZ-230, di proprjetà tal-konvenut Raymond Spiteri, u illi nhar it-3 ta' April 2007 kienet involuta f'incident awtomobilistiku ġewwa Triq il-Kampanella, Paola, filwaqt illi kienet misjuqa mill-konvenut Michael Spiteri. L-intimati da parti taghhom qeghdin ighidu li huma qatt ma inkarigaw lis-socjeta rikorrenti sabiex thallas lil terzi ghan-nom taghhom, u wisq inqas ghamlu xi talba sabiex kwalsiasi allegati danni naxxenti mill-incident de quo jithallsu direttament mis-socjeta attriċi lil terzi. Qalu ukoll li huma ma jahtux ghall-incident imsemmi u li ghalhekk t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidra;

2. Illi din il-kawza hija wahda sempliċi fejn is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' l-*excess* ai termini tal-polza ta' l-assikurazzjoni. Is-socjeta rikorrenti ma hijiex titlob xejn aktar u ghalhekk, f'dan il-kaz, it-Tribunal ghandu l-gurisdizzjoni neċessarja sabiex jeżamina l-kwistjoni.

3. A fol. 87 tal-process hemm l-Motor Vehicle Accident Claim Form. Din ġiet debitament iffirmata mill-intimat Michael Spiteri, hekk kif jammetti huwa stess fix-xhieda tieghu a fol. 94 meta jghid li "*qed niġi muri l-claim form u partikularment il-parti tal-claim form li tinsab a fol 90 li fiha hemm il-firma tieghi, nerġa nikkonferma li din hija proprju l-firma tieghi*". Din il-*claim form* ġiet iffirmata "*... xi tlett ijiem wara li sar l-incident*" (fol. 94). L-intimat l-iehor Raymond Spiteri meta gie mistoqsi jekk il-firma li hemm a fol. 90 tal-process hijiex tieghu jwieġeb fin-negattiv u stqarr ukoll li ma jafx jiffirma. Meta gie mitlub mit-Tribunal sabiex juri l-karta ta' l-identita tieghu, u wara li gie stabbilit li fuq l-imsemmija karta ta' l-identita hemm firma, huwa qal li "*... allavolja jiena ma nafx nikteb naf niffirma ismi*" (fol. 94). Meta reggha gie mistoqsi jekk il-firma li hemm fuq il-*claim form* hijiex tieghu, l-intimat qal li "*sa fejn naf jiena mhiex*" (fol. 94). It-Tribunal jistqarr li ma jistax jemmen li l-intimat Raymond Spiteri ma kienx jaf bil-*claim form* li ġiet esebita. Anke mad-daqqa t'ghajn jirrizulta lit-Tribunal li l-firma li hemm fuq il-kopja tal-karta ta' l-identita tieghu li ġiet esebita a fol. 96, tidher li hija simili hafna ghall-firma li hemm fuq il-*claim form* a fol. 90 tal-process. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaqbel ma' l-intimat meta dan ighid li safejn jaf hu, l-firma li hemm a fol. 90 tal-process ma hijiex tieghu. Anzi proprju bil-maqlub.

4. Is-socjeta rikorrenti, tramite r-rapprezentant taghha Jonathan Schembri, tistqarr li skond il-polza ta' l-assikurazzjoni, l-assigurat ghandu l-obbligu "*... illi jinformana kull meta jkun involut f'incident, u illi jhallas excess payment kull darba illi huwa jiftah claim [paġna 10 tal-Polza taht l-intestata Excess]. Dan irid isir anke jekk l-assigurat ikun jahseb illi ma jkollux tort – imbaghad jekk verament ma jkollux tort, dan jiġi rimborsat tali excess meta tiġi konkluża l-kwistjoni*" (fol. 13). It-Tribunal ra l-*Private Car Policy* esebit mix-xhud ma l-affidavit tieghu, u senjatament fejn hemm l-intestatura "Excess". Dan jaqra hekk:

*"<u>Excess</u>*

*You will be required to pay the amount shown hereunder for each and every Claim, and this Excess will be in addition to any other Excesses which apply to this Policy:*

*1. Section 1 and Section 2*
*Lm25*

*2. Section 2 in respect of Theft, Fire or Fire following Theft Lm100*

*<u>Young or inexperienced drivers' Excess</u>*

*If your Vehicle is stolen or suffers Damage whilst being driven by, or whilst it is in the custody of a person (including You), whose age or driving experience is shown below, You will be responsible for paying the appropriate additional Excess for each and every Claim, whatever the type of cover You have chosen:*

| *<u>Age of Driver</u>* | *<u>Additional Excess</u>* |
|---|---|
| *Under 21* | *Lm475* |
| *21 to under 25* | *Lm225* |
| *25 or over but has held A driving licence for less than One year"* | *Lm50* |

5. Jigifieri meta tghodd iz-zewg ammonti applikabbli ghal dan il-kaz jiġi l-ammont ta' Lm500[1] pari ghal €1,164.69c.

[1] Lm25 (section 1 titkellem dwar "Your Liability to Third Parties") + Lm475 (l-intimat Michael Spiteri twieled fl-4 ta' Novembru, 1986 (ara fol. 16) u l-incident sehh fit-3 ta' April, 2007 (ara fol. 16). B'hekk huwa kellu 20 sena meta sehh l-incident).

6. Issa f'dan il-kaz, jekk verament l-intimati ma ridux jaghmlu *Claim*, allura x'kienet ir-raguni ghala huma ffirmaw il-*Claim Form* li hemm esebita a fol. 87 et seq tal-process. La ffirmaw il-*Claim Form* allura huma gew responsabbli ghal hlas ta' l-*excess* kif hawn fuq riportat. Il-kliem tal-polza ta' l-assikurazzjoni huwa car u ma jhalli l-ebda skop ghal xi interpretazzjoni mod iehor.

7. Di piu, mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Michael Spiteri, u li ġġib id-data tat-12 ta' Frar, 2008 jirrizulta li quddiem dik il-Qorti, l-intimat Michael Spiteri ddikjara li huwa ghamel tajjeb ghall-hsarat ċivili (fol. 82). Biex seta jiddikjara hekk, sinjal li l-intenzjoni tieghu kienet li ssir u jaghmel, kif effettivament saret, *claim* mas-socjeta rikorrenti li kienet is-socjeta assikuratrici tieghu.

8. Mehud kollox ma kollox, u wara li eżamina x-xhieda u d-dokumentazzjoni esebita, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut.

9. B'referenza ghall-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati, diġà inghad li huwa mela l-*claim form* relattiva u allura huwa stess kien qieghed jawtorizza lis-socjeta rikorrenti, a bażi tal-polza ta' l-assikurazzjoni sabiex taghmel dak kollu neċessarju ghar-rigward ta' kull kwistjoni li setat inqalet u li dwarha kienet ġiet iffirmata l-*claim form*. Ghalhekk, din l-istess eċċezzjoni qeghda tiġi michuda.

10. Ghar-rigward tat-tieni eċċezzjoni u cioe li l-intimati ma jahtux ghall-incident imsemmi fl-avviz promotur, jinghad li s-socjeta rikorrenti ma hijiex titlob xi dikjarazzjoni ta' htija ghal dan l-incident mit-Tribunal. Qeghda titlob biss li l-intimati jhallasu l-*excess* applikabbli ghall-*claim form* li huma imlew fit-12 ta' April, 2007 (fol. 90). Ghalhekk din l-eccezzjoni ma ghandhiex x'taqsam mal-kaz u qeghda ghalhekk tiġi michuda.

11. Illi diġà rajna li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija ghall hlas tal-*excess*, li irriżulta li huwa fl-ammont ta' Lm500 pari ghal €1,164.69 u li ġaladarba l-intimati ffirmaw il-*claim form* huma responsabbli ghal hlas ta' l-*excess* applikabbli ghal dan il-kaz u konsegwentement it-Tribunal qieghed jichad ukoll it-tielet eċċezzjoni taghhom.

12. B'referenza ghat-talba tas-socjeta rikorrenti, jirrizulta minn paġna ghaxra tal-polza ta' l-assikurazzjoni li l-ammont pagabbli huwa ta' Lm500 pari ghal €1,164.69c.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati, jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija erbgha u sittin euro u disgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€1,164.69] flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess ammont kif mitlub.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------